

# Il-Bejgħ tad-Deheb tal-Wegħdi tas-Santwarju

**Jimmy Muscat**

## DEVOZZJONI QAWWIJA

Id-devozzjoni kbira lejn il-Beata Verġni tal-Mellieħa sa minn dejjem kellha għeruqha mxettlin fil-fond fil-qlub tal-Maltin. Matul is-sekli, ħafna pellegrini, kemm Maltin kif ukoll barranin, fittxew u talbu l-għajnuna ta' din l-Omm ħanina u kif hemm tant tajjeb minqux fuq l-Ark fid-daħla tal-Bitħa tas-Santwarju huma tant ittamaw fiha li Hi ħelsithom.

Ħelsithom minn kull kwalità ta' tiġrib li huma sabu ruħhom fih. Ħelsithom mill-għarqa, mard, pesta, kolera, korrimenti, operazzjonijiet u elf twegħir ieħor, u huma sabu s-serħan tal-moħħ u tal-qalb. Għadha sallum twettaq dawn il- "mirakli moħbija", mgħoddijin lil dawk li jitolbuha bil-qalb fis-satra ta' dak l-għar ċkejken, hiemed, bla ħafna dehebijiet u xinxilli. Dak il-għar fejn, skond tradizzjoni qawwija, San Luqa pinġa xbieha ta' dik l-Omm ħanina, bidu fqajjar u umli li kiber u nxtered maż-żmien.

Eluf kbar ta' pellegrini, bħalma jixhdu l-manuskritti tas-Santwarju stess, kienu jiġu jitolbuha tidħol għalihom u jagħmlu l-wegħdi tagħhom u wara jerġgħu jiġu biex jirringrazzjawha tal-grazzji li jkunu qalgħu. Bħala turija ta' radd il-ħajr huma ħallewlha ħafna ex voto, jew rigali, ta' żejt, xemgħa, fidda, kwadri mpittra kif ukoll flus u deheb. Il-fqir tħallat mas-sinjur u flok fided ħalla tinqix u grif fuq il-ħitan tas-Santwarju biex jagħti xhieda ta' ringrazzjament lil dik l-Omm.

Sa mill-qedem nett il-bniedem kien iżomm u jgħożż id-deheb bħala xi ħaġa superjuri, ta' valur, ta' stima kbira, ta' xi ħaġa rjali, u għalhekk ħafna pellegrini, fqar u għonja, kienu jagħtu dik ix-xi ħaġa tad-deheb, kultant unika għalihom, lill-Verġni Marija bħala rigal biex juruha mħabbithom fir-radd ta' ħajr tagħhom. Lill-Madonna tal-Mellieħa kienu jagħtuha minn kull kwalità ta'



deheb maħdum fi ċrieket, ġiżirajjen, barbazzali, labar, imsielet, kullani, slaleb u oġġetti oħra. Naturalment, il-kappillan, rettur, prokuratur jew sagristan li kienu jirċievu dawn l-oġġetti tad-deheb kienu jiktbuhom fil-ktieb tar-rigali mogħtija lill-Madonna u ħdejn kull oġġett kien jinkiteb l-isem ta' min ikun ta dak l-oġġett kif ukoll id-data u kultant tifsira qasira tal-oġġett innifsu.

Ma rridux hawnhekk naħarbu b'moħħna u naħsbu li dawn l-oġġetti kienu jingħataw ta' kuljum jew

daqstant spiss. Biżżejjed ngħidu li l-parti l-kbira tal-pellegrini kienu jiġu l-Mellieħa bil-mixi u jgħaddu minn fuq art imħarbta u mogħdijiet imwegħra. Il-parti l-kbira tagħhom kienu jagħmlu din il-mixja ta' fidi lejn is-Santwarju tal-Mellieħa fix-xhur bejn April u Ottubru. Qegħdin nitkellmu fis-snin tal-bidu tas-Seklu 19, meta l-ħajja kienet iktar iebsa u meta l-faqar kien jidher u jinħass fost kulħadd.

## GĦOTJIET LILL-MADONNA

Issa ħa naraw xi ftit eżempji minn dawn l-għotjiet li kienu jsiru lill-Madonna tal-Mellieħa. Fis-17 ta' Ġunju 1831 Diana Vella tat lill-Beata Verġni kuruna b'disaċ granelli tad-deheb, fit-12 t'Awwissu 1832 Maurizzio Camilleri mill-Mosta ta bħala wegħda ċurkett tad-deheb bis-salib ta' San Ġwann, nhar Santa Marija Randa Gauci tat żewġt imsielet tad-deheb waqt li nhar il-festa tal-Vitorja Giovanni Pace mill-Furjana ta salib tal-fidda.[1] Fil-15 ta' Settembru 1833 Anġelo Azzopardi ta żewġ pari buttuni tad-deheb u fit-22 ta' Ottubru Giuseppe Cassar ta żewġ saqajn żgħar tal-fidda.[2] Fit-3 ta' Lulju 1834 Anna Borg tat żewġ għajnejn tal-fidda, fl-24 ta' Awwissu Concetta Sultana tat par pendenti tad-deheb u fl-1 ta' Ottubru l-Arċisqof ta' Malta Francesco Saverio Caruana ta lill-Madonna żewġ važetti tal-fidda għaż-żjut sagri.[3] Fid-29 ta' Ġunju 1836 Vincenzo Farrugia ippreżenta lill-Madonna żewġ għajnejn tad-deheb, fl-4 ta' Settembru Anna Sammut tat ċurkett b'topazju f'nofsu u fid-9 ta' Ottubru Ġirolama Galea tat par imsielet tal-filugran tad-deheb.[4]

Tant tidher kbira l-fidi u d-devozzjoni ta' dawn il-pellegrini, li lejlet il-festa tal-1837 persuna devota, li lanqas biss uriet isimha, sempliċement ħalliet fuq l-artal tal-Madonna żewġ tazzi tad-deheb, waqt li Rosa Zammit tat kuruna tal-ħġieġ bi ħdax-il granell tad-deheb.[5] F'Novembru 1838 Anna ? tat kuruna tal-qroll b'14-il globett ingastat fid-deheb waqt li fit-8 ta' Ottubru 1839 Teresa Vincenti tat salib tal-ebonju interzjat fl-injam.[6] Fit-3 ta' Ottubru 1841 Maria Muscat tat ċurkett b'ħaġra Turkina fih[7] waqt li fil-11 ta' Diċembru 1842 Gaetana Tagliana tat ċurkett ieħor tad-deheb b'ħaġra kaħla fih. F'Jannar 1843 Giorgio Galdes ta arloġġ tal-fidda waqt li f'Mejju Paolo Deguara ta labra tad-deheb.[8]




Dawn huma biss ftit eżempji minn lista ħafna itwal ta' oġġetti tad-deheb jew fidda li ngħataw lill-Madonna bejn is-snin 1831 u 1842. Ipprovajna nagħtu ftit eżempji ta' oġġetti diversi, u dawn biex nuru x'fidi kellhom missirijietna lejn il-Beata Verġni tal-Mellieħa. Ħadnihom minn medda ta' 11-il sena, iżda ma jfissirx li dawn ir-rigali lill-Madonna bdew jew waqfu hemm. Allaħares kellek tikteb kull oġġett mogħti għax ma tispiċċax.

## X'SAR MINNU DAN ID-DEHEB

Issa ejjew naraw flimkien x'sar minnhom dawn l-oġġetti kollha, l-iżjed tad-deheb, li nġabru matul is-snin. Għallum ħa niktbu fuq manuskritt[9] wieħed biss li jagħtina tagħrif dwar dan, għalkemm hemm aktar manuskritti fis-snin ta' qabel u ta' wara li juru bejgħ ta' oġġetti tad-deheb mogħtija lill-Madonna. Fih hemm miġburin 17-il irċevuta ta' bejgħ ta' deheb fi żmien l-amministrazzjoni tal-Kappillan Dun Franġisk Maria Magri. Dan il-kappillan ħabrieki jaħti li għandna dik il-knisja parrokkjali hekk sabiħa li nbniet bejn l-1883 u l-1897. Kien żmien ta' tbatija kbira u dan il-kappillan kellu jħabbat wiċċu ma' problemi kbar waqt il-bini tagħha. Il-poplu Mellieħi kien fqir ħafna u l-ħlasijiet kbar li ried jagħmel il-kappillan Magri, minkejja l-ħafna xogħol b'xejn tal-Melliħin, ried jara minn fejn se jġibhom. Saru ħafna sagrifiċċji u l-kappillan Magri ftaqar għax ta ġidu kollu biex dik il-ħolma setgħet isseħħ. Mhux ta' b'xejn li ħaseb u ra kif għamel biex dawk l-oġġetti "reqdin" tad-deheb u fidda jużahom fejn l-aktar li kien hemm bżonn. Naraw li ma għaġġilx, biegħ ftit ftit, skond il-bżonn urġenti tal-mument. L-imħabba



tal-pellegrini lejn il-Madonna tal-Mellieħa wasslet biex seta' jitkompla x-xogħol fuq monument li llum hu iddedikat lill-istess Verġni Marija. Naturalment, wara li saru r-rikorsi meħtieġa fil-Kurja ta' Malta, ingħata l-permess lill-kappillan Magri biex hu jkun jista' jbigħ dawn l-ex voto, kif se naraw. Ħa nagħtu d-dettalji kollha kif jidhru mniżżlin fil-manuskritt.

## L-IRĊEVUTI TAL-BEJGĦ

L-ewwel irċevuta[10] li nsibu turina li nbigħu kullana, salib, labra, misluta u ċurkett tad-deheb – Karat 18 u ta' dawn il-Kappillan ġabar £5.13.0. Magħhom ukoll ċurkett ieħor u salib żgħir – Karat 14 - bi stima ta' 4 Xelini u 3 Soldi.

- Ukoll labra, par imsielet u ċurkett tad-deheb – Karat 16 - għall-prezz ta' £2.10.2.
- Ukoll par imsielet tad-deheb – Karat 14 – stmati 12-il Xelin.
- Dawn kollha ġew stmati minn u mibjugħa lil Gaetan Preca, Arġentier, nhar it-28 ta' Marzu 1895 għal prezz totali ta' £8.19.5.

Fit-tieni rċevuta[11] nsibu labra u par imsielet tad-deheb – Karat 18 – stmati £1.4.1., ċurkett tad-deheb – Karat 14 – li sewa 4 Xelini.

- Ukoll kullana, kaxxa tal-fwieħa, labra u par imsielet tad-deheb – Karat 14 – stmati £3.7.6.
- Ukoll par imsielet tad-deheb – Karat 14 – stmati 18-il Xelin.
- Ukoll par imsielet oħra u ċurkett tad-deheb – Karat 14 – stmati 17-il Xelin u 8 Soldi.
- Dawn kollha ġew stmati u nbigħu lil Gaetan preca nhar it-2 ta' April 1895.

Irċevuta oħra[12] tas-27 ta' Mejju 1895, din id-darba stmata minn Guglielmo Preca, turina li nbigħu ħames pari msielet ta' ċertu piż għal £2.12.5. u erba' pari msielet oħra ta' piż ieħor għall-prezz ta' £1.12.1.

Naqbżu sena, u fil-21 ta' Lulju 1896[13] insibu li nbigħu lil Gaetano Preca ta' 177 Strada Santa Lucia Valletta dawn l-oġġetti: 43 par imsielet tad-deheb, uħud bil-ħaġar, bil-prezz ta' £15.6.6., 4 pari msielet u 4 *peretti* tad-deheb għall-prezz ta' £3.16.3 u 2 pari msielet tad-deheb għal £3.2.9.

Fil-5 ta' Awwissu 1896[14] il-kappillan biegħ, dejjem lill-istess G. Preca, 26 ċurkett tad-deheb – Karat 18 – għal £7.12.9. u 24 ċurkett tad-deheb – Karat 14 – għal £5.6.3.

Fl-istess xahar, nhar it-22 ta' Awwissu 1896[15], reġgħu nbigħu lill-istess G. Preca, 11-il ċurkett tad-deheb – Karat 18 – għal £4.2.0., 9 ċrieket tad-deheb – Karat 14 – għal £2.7.6., 3 pari msielet tad-deheb għal £1.11.0. u 2 labar tad-deheb għal £1.15.6.









Ngħaddu għat-22 ta' Settembru tal-istess sena[16]. Inbigħu lill-istess G. Preca dawn: 34 misluta tad-deheb għal £16.0.2, 5 pari msielet tad-deheb għal £3.3.2., 14-il ċurkett tad-deheb għal £4.12.8. u 6 ċrieket tad-deheb għal £1.7.0.

Fis-7 ta' Novembru 1896[17] reġa' nbigħ lill-istess Preca dan id-deheb: 21 par imsielet tad-deheb għal £9.4.2., labra tad-deheb għal £1.4.4., 14-il ċurkett tad-deheb għal £5.0.0. u 4 ċrieket tad-deheb għal 16-il Xelin u 6 Soldi.

Nerġgħu fl-1 ta' Diċembru 1896[18], lill-istess Preca. Insibu 10 pari u waħda msielet tad-deheb għal £3.0.0., Labra tad-deheb għal £1.11.0., labra oħra tad-deheb għal £1.10.0. u 14-il ċurkett tad-deheb għal £4.9.0.

Nhar l-10 ta' Frar 1897[19] reġa' kien hemm bejgħ lill-istess Preca. Kullana u 3 pari msielet tad-deheb għal £3.9.1., 2 pari msielet u 3 ċrieket tad-deheb għal £2.5.0. u 2 pari msielet u 2 ċrieket tad-deheb għal £1.8.5.

L-aħħar irċevuta[20] tal-1 ta' Lulju 1898 turina bejgħ lill-Preca ta' 9 pari msielet u 6 ċrieket tad-deheb, uħud minnhom bil-ħaġar, għal £5.2.6.

Nagħmlu nota żgħira fuq kif jidhru l-flus. £4.4.4. tfisser 4 Liri, 4 Xelini u 4 Soldi.

## Għeluq

Tajna dawn id-dettalji kollha għal tliet raġunijiet. L-ewwelnett biex nuru kemm tassew kienet kbira d-devozzjoni tal-Maltin u tal-viżitaturi lejn il-Madonna tal-Mellieħa, meta tara tant rigali li ġew mogħtija lilha. It-tieni biex nuru li d-deheb tas-Santwarju, kemm f'dawn id-dettalji li tajna kif ukoll f'dawk li jidhru f'diversi manuskritti oħra ta' snin differenti, kien jinbigħ biex jitħallsu opri u spejjes oħra. It-tielet biex nifhmu aħjar il-pożizzjoni tal-Kappillan Franġisk Maria Magri, u kappillani oħra qablu u warajh, li kien qed jara quddiem għajnejh u jħoss b'idejh it-toqol tal-ħlasijiet tal-bini tal-knisja l-ġdida. Il-kappillan ma qatax qalbu, għax barra l-bini, fl-1895 beda wkoll l-iskultura minn ġewwa fil-kor, kappelluni, kapitelli u kwadri tan-navi. Din l-iskultura weħidha swiet madwar £98. Fl-1897 bena wkoll is-"sagristija" fil-ġenb u dan barra ħlasijiet oħra u djun li kien għad baqa' fuq il-kumplament tal-bini.

Għalhekk hi sabiħa l-istorja u l-kitba għax tgħallimna nsiru nafu dak li hu mistur u li kultant iħawwadna. Xi drabi naslu biex nemmnu jew aħjar naħsbu ħażin f'dak li jkun sar mingħajr ma nfittxu naraw x'inhi l-verità. Bil-kliem malajr tasal għal ċerti konklużjonijiet iżda biex wieħed ikollu stampa ċara u bilanċjata jrid ipoġġi lilu nnifsu u jara x'kienu ċ-ċirkostanzi tal-mument. Imbagħad wieħed ikun jista' jiddeċiedi u jitkellem b'moħħ aktar miftuħ.

***Sorsi***

1. Arkivju Parroċċa Mellieħa. 56. f.98.
2. Ibid. f.98v.
3. Ibid. f.99.
4. Ibid. f.100.
5. Ibid.
6. Ibid. f.102.
7. Ibid. f.102v.
8. Ibid. f.103.
9. APM. 62. 1880-1907
10. Ibid. ff.1-4.
11. Ibid. ff.5-8.
12. Ibid. f.9.
13. Ibid. f.10.
14. Ibid. f.14.
15. Ibid. f.11.
16. Ibid. f.12.
17. Ibid. f.13.
18. Ibid. f.15.
19. Ibid. f.16.
20. Ibid. f.17